MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Numru. 775/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**JOSEPH JOHN AGIUS**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph John Agius, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 427170 (M).

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-gzejjer nhar is-16 ta`Awwissu, 2013, u tlett xhur ta` qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jkisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

a) Gab ruhu b'tali mod li kien jaf jew li missu kien jaf li kien ta fastidju lil Onor. Dr. Chris Cardona, LL.D.;

b) Fl-istess cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Onor. Chris Cardon, LL.D., biza` li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-familja tieghu jew kontra l-propjeta` tieghu jew kontra l-persuna meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Onor. Dr. Chris Cardona, LL.D.;

c) Fl-istess cirkostanzi ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, jingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni billi insulta bi kliem ta` mewt lil Onor. Dr. Chris Cardona, LL.D., anke b'mezzi telefonici;

d) Talli fl-istess cirkostanzi ghamel uzu minn xi apparat, xi network, jew mezz ta` komunikazzjoni sabiex ingurja, u/jew hedded lil Onor. Chris Cardona, LL.D.;

Ukoll talli nhar is-16 ta` Awwissu, 2013, ghal habta tal-ghaxra ta` filghaxija (22:00hrs) u sieghat ta` qabel, gewwa l-ghassa tal-Pulizija, Triq Zenqa, Naxxar:

e) Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta` wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku cioe` Spettur Josric Mifsud, WPS 158 Gillian Azzopardi Henwood, PC 592 Nathan Joe Portelli, PC 802 Joseph Chircop u PC 1151 Carm Gatt waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

f) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta` xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, u cioe` Spettur Josric Mifsud, WPS 158 Gillian Azzopardi Henwood, PC 592 Nathan Joe Portelli, PC 802 Joseph Chircop u PC 1151 Carm Gatt filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

g) Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bi glied;

h) U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta` protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Joseph John Agius, beneficju ta` Onor. Dr. Chris Cardona, LL.D., u l-familja tieghu.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti kif ukoll il-fedina penali tal-imputat;

Wara li rat l-Artikoli 215A, 251B, 339 (1) (e), 49, 50, 289, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 49 (1) (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza r-rinunzja ta` l-Onor. Dr. Chris Cardona, LL.D., l-ammissjoni tal-imputat u l-koperazzjoni shiha tieghu mal-Awtoritajiet Investigattivi;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa, u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Wara li l-Qorti nnotat li l-*parte civile* hafer lill-imputat tal-incident suggett ta` din il-kawza u li l-imputat min-naha tieghu jiskuza ruhu inkondizzjonalment tal-aggir tieghu skorret anke mal-membri tal-Korp tal-Pulizija;

Wara li l-Qorti rrasikurat ruhha li l-incident ma rrepetix ruhu u wara li tirrimarka bl-imgieba tajba tal-imputat f'kull seduta li deher;

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti ma ssib l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant tordna li a tenur tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta tikkundannah erba` (4) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2).

Il-Qorti qiedgha tapplika wkoll l-Artikolu 383 (1) tal-Kodici Kriminali li ma jkellimx jew timmolesta lil Onor. Dr. Chris Cardona, LL.D., u membri ohra tal-istaff tieghu ghall-perjodu ta` sena (1) mil-llum u fin-nuqqas ta` dan penali ta` mitejn (€200) ewro.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------